MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 37

27 ta' April 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 37 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' April 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.8.2. **(Ref: P/4/6/Vol III)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.8.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 23.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal artiklu li deher f'sezzjoni tal-istampa. Fl-istess artiklu ġie allegat li bl-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi ser ikun hemm telf ta' siġar u twaqqigħ ta' kamra fejn jinżammu xi bħejjem. Dwar ta' l-aħħar is-Sindku kompla jgħid li sidha stess ikkonferma miegħu fil-preżenza tal-Kunsillier J. Azzopardi, li din hija bla permess. Is-Sindku kkummenta li l-persuna konċernata taf li t-tneħħija ta' xi siġar taż-żebbuġ ser tiġi kkumpensata b'biċċa art oħra u ser jingħataw is-siġar, filwaqt li l-ħarruba eżistenti mhijiex ser tintmess. Huwa qal ukoll illi wara li deher l-artiklu msemmi, saret laqgħa mal-persuna konċernata fejn ġie spjegat dan kollu.".*

1.2. Il-Viċi Sindku refera għall-minuta 4.1.6. (Ref: T/4/13/Vol X) u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"4.1.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li ż-żoni ta' Ġerbulin u Tas-Sellum għadhom fi stat ta' żvilupp u għalhekk tista' issirhom ħafna ħsara waqt il-kostruzzjoni tal-bini. Huwa għalhekk ippropona r-resurfacing ta' toroq ġewwa l-Aħrax għandhom jsiru taħt din l-iskema u bħala l-ewwel fażi huwa ppropona li ssir Triq l-Armier, bejn Triq il-Marfa u Triq Ramlet il-Qortin, u Triq Ramlet il-Qortin, bejn Triq l-Armier sal-parkeġġ. Bħala prekawzjoni kontra sewqan b'veloċita` qawwija, is-Sur Buttigieg issuġġerixxa wkoll li ssir bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq jew xi miżura oħra li tnaqqas il-wisa' tal-istess toroq. Il-Viċi Sindku ntervjena biex jgħid li l-ispejjeż tal-bankini jistgħu jitnaqqsu billi ssir kurduna bil-konkos biss.".*

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo refera għall-minuta 7.8. (Ref: B/5/Vol II) u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"7.8. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li bl-introduzzjoni ta' ċerti faċilitajiet, il-Kunsill irid joqgħod attent li ma jkunx qed jikkompeti mal-privat. Huwa qal ukoll li bl-introduzzjoni tal-ħlas għall-ikkampjar, li jkun jinvolvi anqas minn ħmistax-il persuna, ser jirriżulta fi pressjoni ikbar ta' xogħol fuq is-Segretarjat.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 36 tal-5 ta' April 2010, ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett "*2 Coasts – 1 Europe*" f'Malta (P/10/6)

**2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li qed jitfassal programm ta' attivitajiet għal meta l-grupp ta' żgħażagħ minn Lblag fil-Polonja jkunu Malta bejn l-1 u l-10 ta' Ġunju 2010. Dan ser ikun jinkludi, fost oħrajn żjara fil-Park tal-Majjistral u l-Proġett Agro-Turistiku tal-Manikata; l-Impjant tar-Reverse Osmosis fiċ-Ċirkewwa, l-Impjant għat-Tisfija tad-Drenaġġ fil-Qammieħ. Ser jiġu organizzati *workshops* fuq suġġetti varji li jittrattaw l-ambjent. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li saru kuntatti mal-operaturi tal-Luna Complex fil-Mellieħa dwar l-akkomodazzjoni bil-faċilitajiet kollha meħtieġa. Dawn ikkwotaw prezz totali ta' €1,150. Dwar l-ikliet għadhom għaddejjin kuntatti biex jinġieb prezz vantaġġjuż.**

**2.1.3. Il-Kunsill approva t-tħejjijiet li qed isiru.**

### 2.2.1. *Neighbourhood Watch* f'Santa Marija Estate (N/2)

2.2.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-laqgħa tan-*Neighbourhood Watch* għar-residenti ta' Santa Marija Estate saret nhar il-Ħadd 25 ta' April 2010 fl-Iskola Primarja. Huwa ressaq kopja tad-diskors ta' introduzzjoni li għamel fil-bidu tal-laqgħa, li kienet indirizzata wkoll wkoll mill-persuna fi ħdan il-Kumitat Residenti ta' Santa Marija Estate – Dr Robert Patiniott – u l-Assistant Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit. Kien hemm kelliema oħra mill-oqsma tas-sigurta` u l-assikurazzjoni. Għal din il-laqgħa attenda wkoll is-Sindku R. Cutajar.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. *Status* ta' *Blue Flag* lill-bajjiet (X/1/1/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-applikazzjonijiet għall-*status* ta' *Blue Flag* fir-rigward tal-bajjiet tal-Imgiebaħ u dik tal-Mixquqa mistennija li jiġu sottomessi mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sal-31 ta' Mejju 2010.

2.3.3. Is-Sur R. Cutajar, aċċenna li fis-27 ta' April 2010 saret attivita` għat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Mellieħa u dik tal-Mosta. Din kienet tinvolvi t-titjir ta' tajr mill-istess tfal u ġbir ta' fondi b'risq il-fond Puttinu Cares li ammontaw €500. Flimkien miegħu attendew għaliha s-Segretarji Parlamentari Clyde Puli u Mario De Marco, u l-Kapijiet taż-żewġ skejjel Mary Rose Leone u Louis Scerri. Parti minn din l-attivita` kienet tikkonsisti wkoll fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-*Blue Flag* minn membri tan-Nature Trust u uffiċjal mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu. Is-Sindku fakkar illi l-applikazzjoni fil-każ tal-Għadira għadha qed tiġi pproċessata.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Stedina għal żjara f'Pozzallo fi Sqallija (A/5/3/Vol X)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Għaqda Mużikali Imperial ser tipparteċipa fl-attivitajiet tan-Notti Blu f'Pozzallo nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju 2010. B'kollox, bejn bandisti, membri tal-kumitat u nies oħra li ser ikunu qed jakkumpanjawhom, il-grupp kollu ser ilaħħaq 95 persuna. Huwa kkonferma wkoll li fl-istess jum ser jieħdu sehem il-kantanti Georgina u Ryan Abela, u fl-1 ta' Mejju ser ikun hemm il-grupp folkloristiku Simar. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-kumpanija Virtu` Ferries ser tissussidja l-ivjaġġar involut, filwaqt li l-Comune di Pozzallo ser jipprovdi l-akkomodazzjoni u t-trasferimenti għall-kantanti u l-uffiċjali tal-Kunsill tal-Mellieħa li ser jattendu.

2.4.3. Il-Kunsill approva din il-parteċipazzjoni.

### 2.5.1. Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li nbeda x-xogħol fuq il-proġett imsemmi, u qed jittieħdu *spot levels* mis-*surveyors* sabiex ikun jista' jsir is-*setting out* u jinbeda x-xogħol tal-eskavar u l-kostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ.

2.5.3. Is-Segretarju għarraf ukoll illi minħabba li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali ser jipprovdi s-servizzi tal-ħaddiema tiegħu fuq diversi aspetti tal-proġett, huwa meħtieġ li ssir sejħa għall-offerti sabiex jinxtraw il-provisti meħtieġa, inkluż it-tqattiegħ tal-blat. Is-Sur C. Debono għalhekk talab il-kunsens tal-Kunsill sabiex tkun tista' issir sejħa għall-offerti.

2.5.4. Minħabba li l-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet ser jitqiegħdu għad-disposizzjoni tal-Kunsill b'mod immedjat, il-Kunsill approva li ż-żmien sakemm tagħlaq is-sejħa għandu jitqassar għall-ħmistax-il jum, skond kif provdut fir-Regolament 3.02 tal-Proċedura dwar Kunsilli Lokali (Offerti).

2.5.5. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa dwar jekk jeżistix *bill of quantities* u stima tal-proġett kollu. Is-Sindku wieġeb li dan id-dokument kien tħejja mill-periti tal-Kunsill u fuqu tħejja d-dokument tal-offerta dwar il-provisti meħtieġa.

## 2.6.1. Ġbir ta' skart riċiklabbli (K/6/11)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li minbarra illi jkun il-15 u t-22 ta' Mejju 2010 meta jitqassmu l-boroż il-griżi, għandu jkun hemm mill-inqas ġurnata waħda biex issir promozzjoni minn qabel dwar din l-inizjattiva. Huwa ppropona li din tkun nhar is-Sibt 8 ta' Mejju f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.7.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)

**2.7.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Patrijarka ta' Damasku Gregorius Laham III, fuq stedina li saritlu minnu, żar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kif ukoll il-Gżejjer ta' San Pawl. Iż-żjara seħħet nhar is-Sibt 17 ta' April 2010 u attendew flimkien miegħu, il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri C. Bartolo u J. Buttigieg. Il-Patrijarka kien f'Malta fl-okkażjoni taż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, bejn is-17 u t-18 ta' April 2010. F'dan il-punt, is-Sindku ppropona li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Michael Cauchi li pprovda l-lanċa tiegħu mingħajr ħlas sabiex sar it-traġitt bejn il-Moll tat-Tunnara sal-Gżejjer Ta' San Pawl u lura.**

**2.7.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li fis-6 ta' April 2010 huwa kiteb lill-Q.T. il-Papa fejn infurmaħ bir-rispett li ġawda s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa mal-predeċessuri tiegħu, li jmur lura sa Papa Ġwanni XXIII. Għalhekk stiednu biex huwa jżomm din it-tradizzjoni bil-preżentazzjoni ta' tifkira lis-Santwarju waqt i-żjara tiegħu f'Malta. F'telefonata mill-Vatican kien ikkonfermat li l-Papa kien ser jippreżenta talba miktuba minnu stess. Din it-talba twasslet fis-Santwarju minn Nunzju Appostoliku Tommaso Caputo fil-preżenza tal-Arċisqof Pawl Cremona waqt pellegrinaġġ bil-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu mill-Furjana sas-Santwarju ta' Pinu f'Għawdex, fl-20 ta' April. Is-Sindku qal li t-talba ġiet ippreżentata mill-Arċisqof lill-Monsinjur Mose` Debono fil-Bitħa tas-Santwarju. Kopja tal-istess talba ġiet ippreżentata lis-Sindku R. Cutajar. Il-Kunsillier H. Fenech kien preżenti għal din iċ-ċerimonja.**

**2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.**

## 2.8.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.10.1. tas-seduta preċedenti u qal li s'issa ma kien ebda żviluppi min-naħa tal-MEPA u l-Parlament fir-rigward tal-bdil fl-iskema tal-bini. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa għarraf dwar dan lir-residenti konċernati li talbu sabiex jiltaqgħu miegħu.

2.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li l-area tal-Ibraġ għandha tiġi eskluża totalment biex takkomoda l-qtajja' li tneħħew mill-iskema ta' Triq l-Għar u Casa, f'Tas-Sellum. Għaldaqstant għandhom jiġu kkunsidrati artijiet li diġa huma fl-iskema tal-bini.

2.8.4. Is-Sindku fakkar li dawn il-punti diġa ġew elevati f'ittra li ntbagħtet lill-MEPA. Huwa tenna li din il-kwistjoni għandha tibqa' 'l bogħod mill-politika partiġġjana.

### 2.9.1. Estensjoni tal-lukandi Pergola Club u Solana (P/5/8/1)(P/5/8/D)

2.9.2. Saret referenza għall-minuti 2.3.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun jista' jsir intervent mis-Sur John Grima, kif kien maqbul mill-Kunsill fis-seduta ta' qabel. Is-Sindku għarraf lis-Sur Grima li l-Kunsill kien ressaq xi punti ta' osservazzjoni quddiem il-MEPA rigward iż-żewġ applikazzjonijiet.

2.9.3. Is-Sur Grima qal li t-tibdil propost fis-Solana Hotel (PA 285/09) jinvolvi biss il-*footprint* tal-estensjoni l-ġdida, fuq in-naħa ta' Triq Dun Franġisk Sciberras. Dan jinvolvi l-bdil ta' appartamenti eżistenti fi kmamar tal-lukanda. Dan huwa propost li jsir mingħajr ma jikber id-daqs tal-binja minn barra. Huwa spjega wkoll li fuq il-bejt ser isir *swimming pool*, filwaqt li l-istess bejt ser ikun ħieles minn kull apparat tal-arja kkundizzjonata, jew xi bini ieħor li joħloq impatt viżwali.

2.9.4. Dwar l-applikazzjoni li tinvolvi l-estensjoni tal-Pergola Club Hotel, is-Sur J. Grima spjega li permezz tal-*outline development application* - PA 3206/06 – huwa kien talab li jibni tliet sulari fuq in-naħa tal-lukanda li tiġi biswit Triq l-Għerien. Il-MEPA approvat il-permess b'sular wieħed biss, mingħajr ebda apparat tal-arja kkundizzjonata fuq il-bejt.

2.9.5. Is-Sur Grima qal li ser jgħaddi l-pjanti sottomessi fiż-żewġ każi. Huwa aċċenna wkoll għall-fatt illi ħadd mir-residenti ma attenda waqt li kien qed tiġi trattata t-talba quddiem il-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp fi ħdan il-MEPA.

2.9.6. Qabel is-Sur Grima rtira mis-Seduta, is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri dwar jekk kienx hemm domandi min-naħa tagħhom.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 01/04/10 – 21/04/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/03/10 – 09/04/10
- *Purchase Request Form* – 21/04/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru – Diċembru 2009

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Attivita` sportiva flimkien mal-Mellieħa Football Nursery (S/6/Vol IV)

4.1.2. Inqrat ittra datata 2 ta' April 2008, mibgħuta mill-Mellieħa Football Nursery, dwar *penalty shoot-out* li hija ppjanata għall-1 ta' Mejju 2010. Il-Kumitat tan-*Nursery* appella lill-Kunsill sabiex jappoġġa din l-attivita` billi jissieħeb fl-organizzazzjoni tagħha.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru kuntatti mad-direzzjoni tan-*Nursery*, bil-għan li jiġi stabbilit il-mod kif tista` tingħata l-għajnuna.

### 4.2.1. Maratona tal-Ġiri fit-toroq tal-Mellieħa (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' April 2010, fejn il-Mellieħa Athletic Club għarraf illi l-**maratona tal-ġiri** ser isir fil-Mellieħa nhar il-Ħadd, 2 ta' Mejju 2009. Fl-istess ittra sar appell sabiex jingħata l-appoġġ li soltu jingħata mill-Kunsill.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru kuntatti mal-kumitat tal-Mellieħa Athletic Club bil-għan li jiġi stabbilit il-mod kif tista' tingħata l-għajnuna.

### 4.3.1. Applikazzjoni għal-licenzja ta' *hawker* (H/6)

4.3.2. Inqara *e-mail* datat 3 ta' April 2010, mibgħut mis-Sur Clive Xuereb, fejn il-Kunsill qed jiġi mistoqsi għandux oġġezzjoni li huwa jopera bħala *hawker* fl-Għadira u fir-Ramla tal-Mixquqa. Fl-istess ittra ntqal ukoll li l-istess persuna applika għal-liċenzja mad-Diviżjoni tal-Kummerċ.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn it-tip ta' licenzji jispiċċaw bħala *fixed hawkers,* li joħolqu konġestjoni. Intqal ukoll li dan l-istat ta' fatt diġa jeżisti, kemm fl-Għadira kif ukoll fir-Ramla tal-Mixquqa. Saret osservazzjoni wkoll li dawn il-*hawkers* jokkupaw postijiet vantaġġjużi

24 siegħa kuljum – matul il-jum bil-vettura li jbiegħu minnha, filwaqt li bil-lejl jokkupawh b'vettura qadima - biex ma jitilfux posthom. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jkun konsistenti mal-*policy* addottata fir-rigward tal-kjoskijiet fil-bajjiet, fis-sens li m'għandux ikun hemm żieda fl-attività` kummerċjali li tnaqqas l-ispażju għall-pubbliku.

4.3.4. Kien hemm qbil li din il-posizzjoni għandha tiġi komunikata lis-Segretarjat Parlamentari għan-Negozji Żgħar u l-Artijiet, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u lid-Diviżjoni tal-Kummerċ.

### 4.4.1. Tqegħid ta' *dressing cabins* fuq ix-xtut (X/1/6/Vol II)

4.4.2. Iqrat ittra datata 31 ta' Marzu 2010, mibgħuta mid-ditta Sandi Gregorcic S.P. ibbażata fis-Slovenia, fejn saret proposta sabiex jitpoġġew *dressing cabins* bir-riklami fuq ix-xtut.

4.4.3. Is-Sindku qal li din il-proposta ma ġiet milqugħa mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u għalhekk m'hemmx lok li tingħata aktar konsiderazzjoni.

### 4.5.1. Noah`s Ark Animal Sanctuary (A/6)

4.5.2. Inqrat ittra datata 11 ta' April sabiex tingħata għajnuna ħalli jinxtara għalf għall-klieb miżmuma fin-Noah's Ark Animal Sanctuary.

4.5.3. Il-Kunsill approva l-proposta bħala rikonoxximent għas-servizz li l-organizzazzjoni msemmija qed tirrendi fil-lokalita` b'risq klieb abbandunati bl-istess mod kif sar fis-snin preċedenti.

### 4.6.1. Tabella b'riklam fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/5/8/G)

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 15 ta' April 2010, mibgħuta mill-MEPA dwar applikazzjoni - PA 0032/10 - minn Hubert Borg sabiex iwaħħal *barrier* tal-ħadid bir-riklam, simili għal dawk li jwaħħal il-Kunsill. Il-post indikat fl-applikazzjoni kien Triq Ġorġ **Borg Olivier, kantuniera ma' Triq San Publiju. Il-MEPA talbet l-opinjoni tal-Kunsill qabel tkompli tipproċessa l-applikazzjoni.**

4.6.3. Il-Kunsill iddeċieda li talbiet ta' din ix-xorta m'għandhomx jiġu aċċettati, peress li jkun diffiċli li n-numru tagħhom jiġi limitat, kemm-il darba jinħoloq preċedent. Ġie deċiż ukoll li l-*barriers* għandhom jintużaw biss mill-Kunsill sabiex jingħata tagħrif ta' interess lill-pubbliku in ġenerali, b'aċċenn fuq postijiet storiċi li jinsabu fil-parti urbana tal-Mellieħa. Is-Sindku qal li dan għandu jkun parti minn kampanja ta' *branding*.

### 4.7.1. Inkonvenjent fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (C/6/Vol VI)

4.7.2. Saret referenza għal petizzjoni minn xi residenti ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u Triq Ta' Masrija li qed jilmentaw dwar duħħan li qed joħroġ minn ċumnija fuq dar li tinsab f'Nru. 20, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

4.7.3. Il-Kunsill innota li kopja tar-rapport intbagħtet lid-Dipartiment għas-Saħħa Pubblika, il-Pulizija u lill-MEPA.

### 4.8.1. Estensjoni tal-Mellieħa Holiday Centre (P/8/5/G)

4.8.2. Sar aċċenn għal applikazzjoni - PA 5833/09 - mill-operaturi tal-Mellieħa Holiday Centre sabiex iżidu 30 *unit* li l-għoli tagħhom ikun l-istess bħal dak tal-bini eżistenti, fuq art li diġa tappartjeni lill-kumpless.

4.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa mportanti li d-dawl li jiġi nstallat ikun tal-istess qawwa u tip bħal dak eżistenti.

4.8.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u ddeċieda li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA dwar il-punt imqajjem fil-minuta 4.8.3. aktar 'il fuq.

### 4.9.1. PA 1224/09 - Okkupazzjoni ta' parti mit-tarag fi Triq l-Isqof Pace (P/5/8/2)

4.9.2. Saret referenza għall-permess maħrug mil-MEPA fil-15 ta' April 2010 wara applikazzjoni li saret minn John Borg ta' Drifter Rent-A-Car sabiex jokkupa parti mit-taraġ fi Triq l-Isqof Pace. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-permess ħareġ bil-kundizzjoni li l-iżviluppatur jagħmel garanzija bankarja ta' €1,500 biex jiġi żgurat li:

(a) l-aċċess għax-xelter jinżamm ħieles minn kull ostakolu jew xi bini,
(b) li l-kustodju tax-xelters (il-Kunsill Lokali) jitħallilu l-użu tat-taraġ f'kull ħin; u
(c) id-daħla tax-xelters tingħalaq b'bieb tal-ħadid a spejjeż tal-iżviluppatur, li ċ-ċwievet tiegħu għandhom jingħataw lill-Kunsill Lokali.

4.9.3. Fil-permess huwa stipulat li l-garanzija għandha tiġi rilaxxata wara li l-perit jissottometti ritratti li juru illi l-iżviluppatur ikun żamm ma' dawn il-kundizzjonijiet, flimkien ma' dikjarazzjoni mill-Kunsill Lokali li tikkonferma dan. Fin-nuqqas ta' dan, l-iżviluppatur jitlef l-garanzija. Dan ma jkunx ifisser li jekk tintilef il-garanzija, li l-iżviluppatur ma jżommx mal-kundizzjonijiet.

4.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.10.1. Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Korsijiet Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)

4.10.2. Inqrat Memo 52/2010 tal-5 ta' April 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tħabbar li waħda mill-iskemi tal-fondi speċjali li tnedew għas-sena 2010, ser tkun tinvolvi għajnuna lill-Kunsilli Lokali biex ikomplu jifirxu l-ħidma tagħhom f'dan il-qasam. L-għajuna finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* ħa tkun imqassma fi tliet partijiet:

(a) Korsijiet fit-tagħlim bażiku tal-Malti u l-Ingliż bi sħab mad-Direttorat għat-Tagħlim tul il-ħajja fejn id-Direttorat jipprovdi l-għalliema, filwaqt li l-Kunsill Lokali jipprovdi l-post u jagħmel tajjeb għal spejjeż oħra relatati;

(b) Korsijiet bi sħab mad-direttorat għat-tagħlim tul il-ħajja, fejn ser tingħata għajnuna mill-Gvern Ċentrali biex il-Kunsilli Lokali jorganizzaw numru ta' korsijiet bil-kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni (Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja) fil-lokalitajiet, liema korsijiet ikunu mmirati lejn diversi sezzjonijiet tar-residenti. Il-lista sħiħa ta' korsijiet li jistgħu jiġu offruti mid-Dipartiment bi sħab mal-Kunsilli Lokali ġiet moqrija waqt is-seduta.

4.10.3. Ġie spjegat li dawn il-korsijiet jistgħu jiġu organizzati sakemm jissodisfaw dawn il-kriterji:

a. in-numru ta' parteċipanti ma jridx ikun inqas minn 10 persuni; u

b. l-edukaturi adulti ser jiġu mħallsa € 1,118.40 għal 96 siegħa.

Biex id-Dipartiment jassigura li dan is-servizz edukattiv jingħata lir-residenti, persentaġġ mill-ammont li għandu jitħallas ser ikun finanzjat minnu, filwaqt li l-ammont li jibqa' biex jitħallas isir mill-Kunsilli Lokali. Fl-applikazzjoni li għandha ssir permezz ta' ittra għandhom jitniżżlu x'tip ta' korsijiet jixtiequ li jiġu organizzati, meta, għal min huma mmirati u kemm huwa stmat li ser jattendu parteċipanti. Trid tiġi indikata wkoll l-ispiża approssimattiva tal-kors u kif ser jintużaw dawn il-flus. Jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa jingħataw 50% tal-ispejjeż kollha tal-kors.

4.10.4. Ġie spjegat li l-Kunsill jista' ukoll japplika għal għajnuna finanzjarja biex jorganizza korsijiet oħra li mhumiex inklużi fl-ewwel żewġ skemi msemmija hawn fuq u fejn allura l-korsijiet ikunu ser jiġu organizzati mill-Kunsill mingħajr il-kollaborazzjoni tad-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Hajja. F'dan il-każ il-Kunsill jista' japplika għall-għajnuna billi jagħti d-dettalji tal-kors/korsijiet li jixtieq jorganizza, data meta ser jinżammu, numru ta' parteċipanti li hu maħsub li jattendu u stima approsimattiva. Jingħataw 50% tal-ispejjeż għal dawk il-korsijet li jiġu magħżula.

4.10.5. Dwar il-korsijiet bi sħab mad-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li għandhom jiġu ntrodotti żewġ korsijiet li jitrattaw *Studying Skills – Helping Children in Their Studies*. Fir-rigward ta' korsijiet organizzati mill-Kunsill, is-Sur C. Bartolo għarraf li huwa kellu kuntatti mal-Art Club 2000 u l-Ladies Craft Circle sabiex ikunu parteċipi f'din l-inizjattiva. Wara dawn il-kuntatti huwa jipproponi li b'effett minn Ottubru 2010 għandhom jibdew korsijiet fl-Arti u l-Artiġġjanat, li wieħed minnhom ikun jinkludi kors fix-xogħol tal-Bizzilla, filwaqt li jikomplew il-korsijiet taż-Żfin.

4.10.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 4.10.5., kif ukoll wera l-intenzjoni illi f'Ottubru 2010 ikompli bil-korsijiet fit-tagħlim bażiku tal-Malti, bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, kif għamel fl-aħħar snin.

### 4.11.1. Tlielaq tal-karozzi fil-Manikata u Triq il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol VIII)

4.11.2. Is-Sindku għarraf li l-Motor Sports Federation, qed jipproponu li jorganizzaw *hillclimb* illi l-korsa tagħha tinkludi fost oħrajn it-toroq ewlenin tal-Manikata u Triq il-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa għarraf b'din il-proposta lill-Kumitat Residenti Manikata, li min-naħa tagħhom esprimew ir-riżervi għal dan l-avveniment, permezz ta' ittra datata 22 ta' April 2010.

4.11.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-posizzjoni tal-Kumitat Residenti Manikata għandha tiġi rispettata, partikularment mil-lat ta' sigurta`.

4.11.4. Is-Sur R. Cutajar qal li skond il-federazzjoni, ser jinġiebu madwaru 40 kompetitur mill-Italja, li ser jiġu akkomodati f'lukandi fil-Mellieħa. Meta jitqies il-benefiċċju ekonomiku, għandu jinstab bilanċ u għaldaqstant ikun tajjeb li ssir laqgħa bejn il-Kumitat Residenti Manikata u delegazzjoni mill-Motor Sports Federation.

4.11.5. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta, filwaqt li kien tal-opinjoni li l-bidu tat-tellieqa għandu jkun minn fejn il-Knisja tal-Manikata u tintemm qabel Triq il-Mellieħa tinterċetta Triq Lewis Wettinger .

4.11.6. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-*hill climb* organizzata fi Triq Lewis Wettinger nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010. Huwa aċċenna għall-fatt li nħolqot konġesstjoni tat-traffiku fil-qalba tal-Mellieħa, peress li t-traffiku tħalla jidħol sar-*roundabout* Ta' Pennellu, minflok li ġie mdawwar għal Triq il-Kbira.

4.11.7. Il-Kunsill qabel li m'għandhomx jingħataw permessi għal avvenimenti sportivi fi Triq Lewis Wettinger sakemm jintabu soluzzjonijiet għall-inkonvenjenzi li qed jiġu kkawżat.

### 4.12.1. Ġbir ta' skart f'Ramlet il-Qortin (B/4/4/Vol II)

4.12.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta minn Armier Developments Ltd, fejn f'isem is-sidien tal-*boathouses* tal-inħawi, intalbet għajnuna finanzjarja sabiex jinġabar l-iskart imħallat. Talbu wkoll li jkun hemm sorveljanza mill-Gwardjani Lokali biex jitnaqqsu l-abbużi dwar l-iskart.

4.12.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li diġa qed tingħata għajnuna fil-ġbir tal-iskart mill-inħawi tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax billi jiġu pprovduti għaxar *skips* kull sajf, kif ukoll ġew introdotti *bring-in site* f'Ramlet il-Qortin, u tnejn oħra fir-Ramla tat-Torri l-Abjad.

4.12.4. Kien hemm qbil li s-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku m'għandux jiġi estiż lejn l-inħawi in kwistjoni, għaliex dan ma' hemmx allokazzjoni finanzjarja għalih mill-Gvern Ċentrali.

### 4.13.1. Tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq Qasam Barrani / Mithna l-Gdida (K/6/4/1)

4.13.2. Is-Sindku rrefera għall-ġiebja li saret fis-*soft area* li hemm fil-post imsemmi. Huwa qal li l-ħaddiema tal-Environment Landscapes Consortium Ltd kienu nfurawħ li l-istess ġiebja ma kienitx qed iżżomm ilma u għalhekk huwa talab lill-kuntrattur Central Asphalt Ltd sabiex jivverifika dan. Permezz ta' ittra datata 6 ta' April 2010, il-perit ta' Central Asphalt Ltd iċċertifika li l-ġiebja mhix tagħmel l-ilma, filwaqt li talab lill-Kusill jindika metodu xjentifiku biex dan jiġi verifikat. Kompla jgħid li l-ġiebja ġiet mimlija bi spejjeż tal-Kunsill u minn sorveljanza li saret fuq diversi jiem, irriżulta li din fil-fatt ma kinitx qed tagħmel l-ilma, kif kien maħsub.

4.13.3. Is-Segretarju għarraf illi l-MEPA ħarġet il-*complaince certificate* biex b'hekk setgħet issir applikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta għall-arloġġ tal-elettriku. Fil-fatt dan ġie nstallat fis-27 ta' April 2010. B'hekk tkun tista' titħaddem il-pompa biex jissaqqew is-*centre-strip* u r-*roundabout* b'mod awtomatiku.

4.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.14.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil (C/4/Vol III)

4.14.2. Saret referenza għal ittra datata 8 ta' April 2010, indirizzata lis-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Erarji Pubbliċi, u mibgħuta mill-Avukat Toni Abela. Din l-ittra nkitbet bil-għan li tiġi ċċarata l-posizzjoni tas-sidien tal-*caravans* għas-sajf 2010.

4.14.3. Is-Sindku stqarr li sakemm jinstab post alternattiv, qed jiġi propost illi l-*caravans* li kienu akkomodati proviżorjament fis-sajf 2009 fl-inħawi tal-Qortin it-Twil, din is-sena għandhom jagħmlu użu mill-faċilitajiet eżistenti fil-lokalita`, bħalma hija l-*camping site* tal-i*Scouts* f'Għajn Tuffieħa.

4.14.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li huwa ma jaqbilx illi s-sidien tal-*caravans* jintbagħtu jagħmlu użu minn faċilitajiet mħaddma minn entita` privata. Għaldaqstant tenna li għal darba oħra għandu jsir użu temporanju mill-art fil-Qortin it-Twil. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Marfa ppubblikat mill-MEPA, indika din l-art għall-*caravans* u l-ikkampjar. Il-*caravans*, fil-każ ta' Baħar iċ-Ċagħaq, tħallew fuq l-art li kienu qed jokkupaw, filwaqt li ngħataw is-servizzi meħtieġa.

4.14.5. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jieħu deċiżjoni qabel l-awtoritajiet konċernati jkunu ikkonkludew id-diskussjonijiet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' April 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-1 u l-21 ta' April 2010. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-18 u d-9 ta' April 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut fiż-żewġ skedi mressqa u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Interventi mill-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Melleħin

**Tmexxija tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa (A/6/7/Vol II)**

7.2. Fil-bidu tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku ssuspenda s-seduta sabiex ikunu jistgħu jsiru nterventi minn delegazzjoni tal-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Melleħin. Id-delegazzjoni kienet komposta mis-Sinjuri Francis Borg (President); Rueben Cauchi (Segretarju); Edwin Vella; u Joseph Sciberras.

7.3. Is-Sur F. Borg stqarr li l-Għaqda tixtieq tidħol għal din l-inizjattiva mhux bl-intenzjoni li tieħu d-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa u tużaħ bħala s-sede tagħha. Huwa qal li kienet biss kumbinazzjoni li l-bini illi kien użat bħala sede fi Triq Sant' Elena ttieħed lura minn sidu. Fil-fatt, l-Għaqda hija fi proċess li tikri garaxx biex tkun tista' tlaqqa' l-membri tagħha. Bħala għaqda Melleħija huma jqisu r-restawr u t-tmexxija tad-*Defence Post* biex juru li l-għaqda għandha nteressi oħra minbarra l-kaċċa u għaldaqstant tħossha onorata li tkun fdata mill-Kunsill b'post li għandu valur storiku.

7.4. Is-Sur R. Cauchi aċċenna li l-post jirrikjedi ċerti spejjeż biex jiġi restawrat, partikularment fis-saqaf u l-aperturi. Huwa konvint li dan ix-xogħol, flimkien mat-tindif tat-trunċiera li tħares fuq il-Wied Ta' Ġnien Ingraw, jistgħu jagħmluh il-membri tal-Għaqda mingħajr diffikulta`.

7.5. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li fi Frar 2010, saret applikazzjoni taħt l-Iskema għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Biex seta' jsir dan kienet saret evalwazzjoni minn perit dwar ix-xogħol li jrid isir, kif ukoll stima tal-ispejjeż marbuta miegħu.

7.6. Is-Sindku qal li jeħtieġ isir ftehim bil-kitba wara li jinkiseb il-permess tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, kif sar ma' għaqdiet oħra Melleħin, kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jafda t-tmexxija tad-*Defence Post* f'idejn l-Għaqda.

**Att Vandalu fuq il-Proġett Foresta 2000 (A/3/Vol III)**

7.7. Is-Sur R. Cutajar għarraf lill-Kunsill li kienet inħarġet stqarrija ta' kundanna għall-att vandalu li sar fil-Foresta 2000, bejn il-25 u s-26 ta' April , minn persuni mhux magħrufa. L-istess stqarrija kienet tgħid li f'Ottubru 2010, il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill ser jorganizzaw

sessjonijiet ta' tħawwil ta' siġar bħala parti mill-kampanja 34U fl-istess post fejn inqerdu 104 siġar, bl-involviment ta' diversi għaqdiet u individwi.

7.8. Is-Sur R. Cauchi qal li l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Melleħin ħarġet stqarrija wkoll sabiex tikkundanna l-att vandalu illi ġie kommess. L-istqarrija ddeplorat ukoll l-ammont konsiderevoli ta' skart li jitħalla fl-imsaġar tal-Aħrax minn nies li jiffrekwentawhom.

7.9. Is-Sur Cauchi aċċenna wkoll għall-fatt li wara l-att ieħor vandalu li kien hemm fl-2008, il-Birdlife Malta stiednu lil diversi organizzazzjonijiet kummerċjali u volontarji biex jikkontribwixxu u jipparteċipaw fit-tħawwil mill-ġdid tas-siġar li ġew vandalizzati dakinhar. L-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Melleħin ma ġietx mistiedna.

### *Ranger* għall-ħarsien tal-Imsaġar ġewwa l-Aħrax (A/3/Vol II)

7.10. Is-Sur F. Borg staqsa lill-Kunsill dwar jekk kienx hemm xi żviluppi fuq l-ingaġġ ta' persuna sabiex taqdi l-funzjoni ta' *ranger* għall-ħarsien tal-imsaġar imsemmija.

7.11. Is-Sindku wieġeb li t-trasferiment tal-persuna li ġiet indikata biex tagħmel dan ix-xogħol ġie approvata mill-*Management and Personnel Office* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, iżda il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għadha qed toġġezzjona għar-rilaxx tiegħu.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Animal Fest 2010 (A/5/3/Vol X)

8.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li għall-attivita` li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju 2010, ser ikun hemm 15-il *stand* li jvarjaw minn bejgħ ta' ikel Malti, entitajiet kummerċjali u għaqdiet involuti fit-trobbija tal-annimali, pjanti, u għasel. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm wirja ta' *pets*. It-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija ġiet mistiedna tagħti wirja waqt l-attivita`. Il-preżentazzjoni tal-*mementos* lir-rebbieħa fid-*Dog Fashion Show* u dik tat-tpingija mit-tfal ser issir għall-ħabta tat-3.30pm.

8.3. Is-Sur Fenech qal li ġew ikkuntattjati numru ta' entitajiet kummerċjali biex jisponsorjaw l-attivita` li sad-data tas-seduta kienu jinkludu: Idea Natur 2000; Green Supplies; Right Deal, Cauchi Stationery; Rain Forest; Art Accademy; u Toyland.

8.4. Ġie propost li Misraħ il-Parroċċa għandha tingħalaq għat-traffiku mill-kantuniera ma' Triq Sant Luqa u minn fejn il-knisja. Għaldaqstant, it-tabella tan-*No Entry* fi Triq San Luqa kantuniera ma' Triq il-Parroċċa għandha titgħatta temporanjament, filwaqt li ssir tabella f'istess triq kantuniera ma' Triq it-Tramuntana. Is-Sur Fenech talab ukoll li jsir tindif mekkanizzat tal-pjazza, hekk kif tispiċċa l-attivita` fl-4.00pm, peress li aktar tard ser tgħaddi l-purċissjoni ta' San Ġużepp.

8.5. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

## 9.1. Ftuħ ta' Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani fil-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)

9.2. Is-Sindku fakkar dwar l-involviment finanzjarju tal-Kunsill fir-rigward tal-ftuħ ta' Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani li ser ikun hemm f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa aċċenna li fl-estimi għall-2010, il-Kunsill kien ivvota €20,000 (Vot Nru. 3380), peress li biex dan ikun jista' jiffunzjona, jeħtieġ li jiġi pprovdut it-trasport u jkun hemm servizz ta' tindif tal-kmamar li jiġu wżati għal dan il-għan. Il-mira tal-Gvern hija li dan jinfetaħ fl-1 ta' Ġunju 2010.

9.3. Is-Sur R. Cutajar spjega li kemm-il darba, il-konkorrenza tkun aktar minn tmenin persuna, l-attendenza jkollha tinqasam fuq ġranet differenti sabiex jiġi akkomodat kullħadd. Huwa ppropona wkoll li għas-seduta li jmiss għandu jintalab jattendi uffiċċjal mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani sabiex jispjega l-arranġamenti li jridu jsiru biex iċ-ċentru jkun jista' jibda jiffunzjona.

9.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2009 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju ressaq ir-rapport imsemmi hawn fuq u spjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali kien jikkonsisti mit-tielet *tranche*` ta' l-**Allokazzjoni Annwali**, kif ukoll is-somma ta' €12,972 li ngħatat bil-għan li tiffinanzja spejjeż addizzjonali li ma kinux previsti b'rabta mad-drittijiet li qed jintalbu mill-WasteServ Malta Ltd sabiex jintrema l-iskart fil-*landfill* tal-

Magħtab u fl-impjant ta' Sant' Antnin. Fl-istess perjodu, il-Kunsill ingħata l-ewwel Premju tal-Lokalitajiet Indaf li kien jammonta għal €30,000.

10.3. Ġie spjegat li t-total ta' dħul minn **Servizzi Komunitarji** kompla naqas b'mod konsiderevoli, mqabbel mat-tliet xhur preċedenti - minn €12,370 għal €6,280. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas dovut fuq il-miżati għall-attendenza ta' korsijiet (€1,945), il-ħruġ ta' permessi għall-i*skips* (€ 143), bejgħ ta` pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (€801); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq u attivitajiet fil-pubbliku (€ 3,100); u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€261).

10.4. Id-dħul ta' natura **Ġenerali** ġie mill-ħruġ ta' Ħruġ ta' Dokumenti, bħalma huma dokumenti tal-offerti u l-ħlas ta' parteċipazzjoni li sar mill-kompetituri fil-kompetizzjonijiet tas-Snooker u l-American Pool li organizzata l-Kunsill. Kien hemm **Kontribuzzjonijiet** marbuta ma' attivitajiet li organizza l-Kunsill, li kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-Ibliet Lejn il-Majjistral | 1,000 |
| Iljieli Mellehin 09 | 1,050 |
| Milied Melliehi 09 | 84 |
| Kunċert Operistiku | 1,000 |
| Sports For All Scheme | 304 |
| Naqqas flus mogħtija b'risq Puttinu Cares miġbura fl-Iljieli Melleħin 09 | 1,644 |
| | 4,844 |

L-infieq fuq l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità,** kien qrib ħafna l-estimi. Qabel u waqt it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport seħħew serje` ta' **Attivitajiet Kulturali** li l-ispiża fuqhom, bejn Ottubru u Diċembru 2009, kienet imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Iljieli Melleħin 2009 | 3,073 |
| Milied Mellieħi 2009 | 3,736 |
| Attivitajiet Oħra | 2,938 |
| Total | 9,747 |

10.5. Is-Segretarju aċċenna li n-nefqa fuq **is-Salarji** tidher li hija inqas b'mod sostanzjali mill-estimi għal numru ta' raġunijiet. Wara illi daħlu fis-seħħ l-emendi fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali, saret revizjoni tal-estimi bil-għan li dawn jirriflettu iż-żieda fl-*allowance* tas-Sindku u l-introduzzjoni ta' *allowance* lill-Kunsillieri. Fuq struzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, iż-żieda fl-onorarja tas-Sindku kellha titħallas b'effett minn Novembru 2009, iżda l-istess struzzjonijiet ġew irtirati biex iż-żieda tingħata b'effett minn Jannar 2010. Fil-każ tal-*allowance* tal-kunsillieri, ingħatat gwida simili biex dawn jibdew jitħallsu b'effett minn Jannar 2010. L-estimi ġew aġġustati wkoll sabiex jagħmlu tajjeb għaż-żieda ta' żewġ impjegati fi skala 15. Irriżulta li t-tieni waħda ġiet ingaġġjata f'Novembru 2009, wara ż-żmien ippjanat.

10.6. Bejn Ottubru u Diċembru 2009, in-nefqa attwali fuq il-**Manutenzjoni tat-Toroq** qabżet il-vot allokat b' €13,421, peress li fit-tliet xhur preċedenti twettqu xogħlijiet fuq *culverts* fi Triq l-Assedju l-Kbir, Triq iċ-Ċikken u Triq N. Copernicus, li talbiet għall-ħlasijiet relattivi kienu ġew reġistrati fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport. Sar ukoll ammont sostanzjali ta' xogħol mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet. L-ispiża fuq il-mantutenzjoni tat-toroq kienet imqassma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| *Patching* | 11,744 |
| Bankini | 1,491 |
| Tiswija ta' Ħitan | 864 |
| *Culverts* | 21,201 |
| Ħitan tas-Sejjieħ | 324 |
| Toroq tal-Bdiewa | 748 |
| Xogħlijiet Oħra | 699 |

10.7. In-nefqa fuq is-servizz tal-**Ġbir ta' l-Iskart** tidher li hija iktar mill-estimi. Dan minkejja li l-ħlasijiet dovuti fuq il-Ġbir ta' l-Iskart Reċiklabbli li jsir nhar ta' Ħamis qed isiru direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Kif intqal fin-nota numru 1, b'effett minn Ottubru 2009, il-Kunsill beda jħallas €4,325 kull xahar sabiex ikopri t-*Tipping Fees* għall-iskart li jintrema fil-*landfill* tal-Magħtab, jew fl-impjant ta' Sant' Antnin. Il-Gvern Ċentrali qed jagħti kumpens dirett għal din in-nefqa li ma kinitx prevista fl-estimi. Din tidher taħt il-vot 0002 tad-Dħul Supplimentari fl-iskeda tad-dħul, aktar 'il fuq.

10.8. In-nefqa globali marbuta mas-**Servizzi Kuntrattwali** għat-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport qabżet l-estimi b'€ 7,203. Ta' minn jinnota li fl-istess perjodu kien hemm nefqa sostanzjali fuq il-manutenzjoni tal-ġonna (3061) li rriżultat minħabba tiswijiet li kellhom jsiru, fi xi każi kawża tal-vandaliżmu. Kif jidher mill-iskedi t'hawn fuq irriżulta wkoll li n-nefqa globali fuq is-Servizzi Kuntrattwali kienet inqas mill-estimi b'€2,657 fuq firxa ta' disa' xhur. Dan wara li ġew esklużi s-servizzi kuntrattwali kollha mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, qabel April 2009, kif ukoll wara li ttieħdu in konsiderazzjoni spejjeż li kienu għadhom ma' daħlux fil-kotba sa l-aħħar ta' Diċembru 2009 *(accruals).*

10.9. Filwaqt li l-ispejjeż fuq **Servizzi Professjonali** jikkonsistu prinċipalment fil-ħlas tal-*Contracts Manager* inkarigat mill-Operat Ġenerali tal-Kunsill, matul it-tliet xhur koperti fir-rapport, kien hemm infieq marbut ma' servizzi legali in konnessjoni mat-tfassil tal-*bye-laws*, il-kawża li l-Kunsill għandu quddiem il-Qorti, kif ukoll l-appell li qed jiġi trattat mill-MEPA.

10.10. F'dak li jirrigwarda l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità** kien qrib ħafna l-estimi. Qabel u waqt it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport seħħew serje` ta' **Attivitajiet Kulturali** li l-ispiża fuqhom, bejn Ottubru u Diċembru 2009, kienet imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ijjieli Melleħin 2009 | 3,073 |
| Milied Mellieħi 2009 | 3,736 |
| Attivitajiet Oħra | 2,938 |
| Total | 9,747 |

10.11. Fid-disa' xhur koperti bir-rapport, jidher li l-estimi dwar l-Ospitalita` u Servizzi nqabżu b'€3,979, iżda min-naħa l-oħra, kif intqal fin-nota Nru. 4 aktar 'il fuq, bejn Ottubru u Diċembru kien hemm *sponsorship* b'risq l-attivitajiet li ġew organizzati, illi laħħaq €6,100.

10.12. Ta' min jinnota li n-nefqa fuq il-**Proġett *Environment Through Art*** saret kollha fl-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, għalkemm il-*budget* għaliha kien imqassam fuq sena sħiħa. Għalhekk, lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja, l-ispiża ser tkun qrib ħafna s-somma allokota. L-Unjoni Ewropea allokat is-somma ta' €6,000, li l-Kunsill diġa rċieva pagament parzjali ta' €4,500.

10.13. Fit-tieni nofs ta' Settembru 2009 seħħew l-attivitajiet marbuta mal-**ġemellaġġ** bejn il-Mellieħa u Agia Napa, kemm f'Malta kif ukoll f'Ċipru. Kif jidher mill-iskeda aktar 'il fuq, in-nefqa fuq dawn l-avveniment kienet tammonta għal €3,274. Hawnhekk ta' minn jaċċenna li din kienet qrib ħafna l-*budget* ta' €3,228 li ġie sottomess lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, skond ir-Regolamenti dwar il-Ġemellaġġi.

10.14. L-infieq fuq ir-***Resurfacing* ta' Toroq** kien marbut max-xogħlijiet li saru f'Settembru fuq il-Moll tat-Tunnara. In-nefqa ta' €270,000 kienet programmata li tintefaq fuq tnax-il xahar, iżda minħabba l-esiġenza taż-żmien kellha tiġi mressqa lejn Settembru 2010. Billi s-sena finanzjarja ġiet imqassra għal disa' xhur, id-diskrepanza bejn l-estimi u n-nefqa attwali ma tistax tistabilizza ruħha. Minkejja dan, nuqqas ta' infieq fuq proġetti kapitali oħra ppermettiet li jsir dan mingħajr problemi.

10.15. Fir-rigward tal-proġett tal-**Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ**, saru t-tħejjijiet kollha meħtieġa, inkluż dawk mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura li ser ikun s-sieħeb tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tax-xogħol involut.

10.16. Ix-xogħol fuq il-Proġett ta' Tisbieħ fi Triq Qasam Barrani kien wasal fi stadju avvanzat għalkemm dan m'huwiex rifless fin-nefqa. Minħabba din ir-raġuni, il-kuntrattur konċernat kien għadu ma' għadda ebda talba għall-ħlas relattiv.

10.17. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi mgħoddi lid-Dipartimenti għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

11.1 **Attivita` u Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)**

11.2 Is-Sindku ppropona sabiex bħas-snin preċedenti tittella' attivita` fl-okkażjoni msemmija nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 2010 fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li qed isiru kuntatti mal-Kappillan sabiex, possibilment nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju 2010 wara nofsinhar issir Quddiesa fl-istess okkażjoni, fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Quddiesa mhux possibbli li ssir fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji, peress li l-parroċċa ilha għal diversi snin torganizza waħda hemmhekk fuq bażi annwali.

11.3 Il-Kunsill qabel li għandu jikseb il-permess tal-Kappillan qabel isiru l-arranġamenti meħtieġa.

12.1. **Ipparkjar fil-wesgha bejn Triq Salvu Camilleri u Triq Tas-Salib (T/3/2/Vol X)**

12.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li qed jiġu pparkjati vetturi kummerċjali fil-wesgħa msemmija, li qed jagħtu dehra kerha lil dan il-post residenzjali.

12.3. Is-Segretarju għarraf li l-persuna kkonċernata ġiet ikkuntattjata sabiex tneħħi l-vetturi in kwistjoni. Is-Sindku fakkar illi fl-aħħar jiem, il-wesgħa in kwistjoni kienet tnaddfed.

13.1. **Proġett ta' Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/10/9)**

13.2. Is-Sindku għarraf illi fid-19 ta' April 2010 ġiet sottomessa applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett imsemmi taħt il-*European Regional Development Fund – Operational Programme 1 – Priority Axis 2* li jittratta l-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli. L-applikazzjoni li saret tkopri t-tisbieħ tal-misraħ innifsu kif ukoll ir-restawr tal-bini li hemm fuq naħa waħda tiegħu. L-applikazzjoni ġiet imħejjija mill-konsulenti nkarigati mill-Kunsill – E-Cubed Consultancy.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

14.1. **Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

14.2. Is-Sindku ppropona li l-attivita` msemmija ssir nħar is-Sibt 19 ta' Ġunju 2010 fis-7.00pm, bil-bandu li jibda minn Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq Sant' Anna u jibqa' nieżel sa Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

15.1. ***European Destination of Excellence Status* (T/12/Vol II)**

15.2. Is-Sindku għarraf li l-Mellieħa ġiet magħżula mill-Kummissjoni Ewropea, flimkien ma' 21 lokalita` li jġawdu l-i*status* ta' *European Destination of Excellence* illi ser jiġu ttestjati l-indikaturi tas-sostenibilita` tagħha f'dak li huwa turiżmu. Dan l-istudju ser jitmexxa minn nies esperti mill-Universita` Awtonoma ta' Barcellona fi Spanja li ser ikunu Malta fil-futur qarib. Huwa qal li l-Kunsill ġie mistoqsi permezz ta' e-mail datat 27 ta' April 2010 u ffirmat minn Frascesc Romagosa – il-kordinatur ta' dan il-proġett – sabiex jinforma lill-Kummissjoni dwar jekk il-Kunsill ikunx dispost li jipparteċipa f'dan l-istħarriġ.

15.3. Il-Kunsill aċċetta li jipparteċipa.

16.1. **Ġimgħa Maltija fi Brussel (T/12/Vol II)**

16.2. Is-Sindku għarraf li d-Deputati Ewropej Maltin l-Onor. Simon Busuttil u Louis Grech qed jikkordinaw l-organizzazzjoni tal-*Malta Week* li ser ssir fi Brussel f'Ġunju 2010. Is-Sur R. Cutajar ippropona li bħala destinazzjoni turistika, il-Mellieħa jkollha *stand*. Minn kuntatti li huwa kellu, jidher li l-ispiża nvoluta f'din l-inizjattiva tammonta għal madwar €4,000 sabiex jintrama l-i*stand*, l-akkomodazzjoni, ivjaġġar, *backdrops* u *posters* eċċ.

16.3. Il-Kunsill qabel li għandu jidħol għal din l-inizjattiva u għalhekk talab li jingħata aktar tagħrif dwarha.

**17.1. Estensjoni tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol IV)**

17.2. Is-Sindku fakkar illi kif kien maqbul fis-Seduta Nru. 35 tal-15 ta' Marzu 2010 u ġie notifikat lill-kunsillieri kollha permezz ta' *e-mail* datat 20 ta' April, saret laqgħa ma' delegazzjoni mill-Mellieħa Sports Club (MLC) sabiex jibdew in-negozjati dwar ix-xiri tal-fond Nru. 4, Triq il-Madonna Ta' Fatima. L-istess negozjati bdew wara li ngħatat eżenzjoni mill-ħtieġa li ssir sejħa għall-offerti mid-Direttur għall-Gvern Lokali nnifsu. Huwa kompla jgħid li t-talba oriġinali kienet ta' €250,000, iżda n-naħa tal-Kunsill insistiet sabiex din tonqos u fil-fatt ġie miftiehem li d-delegazzjoni għandha tmur lura quddiem il-kumitat tagħha b'offerta ta' €210,000 li jitħallsu fi tliet pagamenti fuq medda ta' tliet snin finanzjarji.

17.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li l-Kunsill qed jgħaġġel wisq fuq din il-materja, għaliex jemmen li ż-żmien huwa favurih f'dak li jirrigwarda l-prezz, li huwa jqis bħala għoli iktar mill-valur reali tal-fond in kwistjoni. Huwa kkritika l-fatt illi ma saritx diskussjoni serja bit-tqegħid ta' dan is-suġġett fuq l-aġenda tal-Kunsill, biex ikunu jistgħu jiġu trattati ċerti aspetti bħalma huwa l-finanzjament, konformita` tal-bini mal-*policies* tal-MEPA, eċċ.

17.4. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li mhux ġust illi jingħad illi ma kienx hemm diskussjoni biżżejjed, billi s-suġġett tqajjem tliet darbiet f'seduti differenti, fejn kien maqbul li għandha ssir evalwazzjoni minn perit dwar il-vijabilita` tal-għażliet li għandu quddiemu l-Kunsill, kif ukoll biex jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' sejħa għall-offerti. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li d-deċiżjoni finali biex jinxtara l-fond għadha fil-fatt ma ttieħditx, għaliex kull ma sar s'issa huwa negozjar li nbeda wara li kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**